MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 21/2000/1

**Agent Kummissarju ta’ l-Art**

**vs**

**Dorothy Falzon, Joanne Sciortino, Sonia Sciberras**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Agent Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 15 t’ Ottubru, 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghall-akkwist b’titolu ta’ Dominju Pubbliku tal-fondi numru 43, Triq Laqxija, Birkirkara, numru 9, Sqaq numru 2, Triq Laqxija u Numru 11, Sqaq Numru 2, Triq Laqxija, Birkirkara huwa ta’ sitt liri u tletin centezmu (Lm6.30) fis-sena, dsataxil lira Maltija uu sittin centezmu (Lm19.60) fis-sena u hames liri Maltin u sittin centezmu (Lm5.60) fis-sena rispettivament kif jidher mir-rapport tal-perit Carmen V. Sutton A&CE tal-20 ta’

Jannar 1995 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hames mitt Lira Maltija (Lm500) fis-sena ghal fond nru 43, Triq Laqxija Birkirkara, seba' mija lira Maltija (Lm700) fis-sena ghal fond numru 11 fi Sqaq 2, Triq Laqxija, Birkirkara u disat elef u hames mitt Liri Maltin (Lm9,500) fis-sena ghal fond nru 9 fi Sqaq numru 2 Triq Laqxija, Birkirkara.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta'Dominju Pubbliku l-fondi fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi b'mod preliminari huwa rilevat illi dan il-Bord diversament presedut kien prolata d-decizzjoni tieghu fill-mertu fit-23 ta' Jannar 2006, liema decizzjoni kienet appellata fuq istanza tal-Agent Kummissarju ta' l-Art u b'decizzjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell, tal-24 ta' Jannar 2007, s-sentenza tal-Bord kienet revokata u l-atti rimandati lil dan il-Bord sabiex jiffissa l-kumpens xieraq ghal dan l-akkwist;

Illi kif jemergi mill-atti dan huwa akkwist ta' tlett artijiet beltin u qodma b'titolu ta' Dominju Pubbliku. Kif demostrat mir-rikorrenti, dawn l-artijiet kellhom valur lokatizju ta' Lm4.5, Lm14 u Lm4 fis-sena kull wiehed rispettivament skond ma jirrizulta mid-dokument LVO esebit a fol 56 li hija valutazzjoni mahruga mill-Land Valuation Office;

Illi ghalhekk din hija kawza bazata fuq l-artikolu 27 (13) Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta dwar kumpens ghat-tehid ta' b'titolu ta' dominju pubbliku. L-initmati kienu rrifjutaw l-offerta tar-rikorrenti fuq l-insistenza illi l-valur lokatizu per annum ta' kull wiehed mill-fondi huwa ta' Lm500, Lm700 u Lm 9,500 rispettivament;

Illi f'din il-kawza kienu assenjati zewg peritit membri sabiex jassistu lill-dan il-Bord. L-istess periti membri tal-Bord wara li hadu konjizzjoni tal-fatti u d-dokumenti kollha tal-kaz ikkonkludew bil-mod segwenti fil-paragrafu 7 tar-relazzjoni taghhom li hija formanti parti minn din id-decizzjoni:

*Ghaldaqstant, wara illi l-esponenti ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), huma tal-opinjoni illi l-kumpens li ghandu jithallas ghax-xiri taht dominju pubbliku tal-proprjeta in kwistjoni ghandu jigi iffissar fl-ammont ta' (a) erbatax-il ewro u seba u sittin ewrocentezmu (€14.67) ghall-proprjeta numru 43 Triq Laqxija Birkirkara; (b) hamsa w erbghin ewro u hamsa u sittin ewrocentezmu (€45.65) ghall-proprjeta' numru 9, Sqaq numru 2, Triq Laqxija Birkirkara; u tlittax-il ewro u hames ewrocentezmi (€13.05) ghal proprjeta numru 11, Sqaq numru 2, Triq Laqxija Birkirkara.*

Ezaminati l-atti, c-Chairman tal-Bord jaqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-membri tieghu. Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati b'titolu ta' dominju pubbliku l-fondi numru 43, Triq Laqxija, Birkirkara, dak numru 9, Sqaq numru 2, Triq Laqxija u dak numru 11, Sqaq Numru 2, Triq Laqxija, Birkirkara u dan versu l-kera ta' €14.75, €45.65 u €13.05.

Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-2 ta' Awissu 2012 fl-11.30 am fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Leonard Caruana biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandhu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------